



# Aħbar Tajba

Mal 3, 19-20a
Salm 97 (98), 5-6.7-8.9a.9bċ
2 Tess 3, 7-12
Lq 21, 5-19

**"Jien nagħtikom kliem u għerf li kull min ikun**
kontra tagħkom ma jkunx jista' jiqaflu jew imerih."

Inti hemm xi ħaġa li tassew tibża minnha? Forsi tibża miż-żunżan jew minn xi wiżgħa? Tibża mill-ilma fond, mill-insetti jew kif tisma kelb jinbaħ jiksaħ demmek? Jew inkella tibża mid-dlam? Kontu tafu li hawn min saħansitra jibża' mill-buffi? Ħafna huma dawk li jibżgħu minn ħaġa jew oħra, anzi hawn min ngħidu li jibża minn dellu għax il-lista ta' affarijiet li jibża minnhom tkun twila mhux ħażin. Għalhekk jekk hemm xi ħaġa li tibża minnha m'intix waħdek.

Anke d-dixxipli ta' Ġesù kellhom il-biżgħat tagħhom u fl-Evanġelju tal-lum Ġesù jkellimhom propju fuq hekk. Is-silta tibda hekk kif jidħlu fit-tempju u jaraw kemm hu sabiħ. Tassew, li t-tempju ta' Ġerusalemm kien biċċa xogħol mill-isbaħ, imma Ġesù jgħidilhom li kienu se jiġu jiem fejn dak it-tempju ma jibqax jeżisti. Anzi, mhux it-tempju biss. Id-dinja kienet se tara ħafna jiem koroh ta' ġlied, gwerrer, mard, theżżiż u diżastri oħra. X'ma tibżax?!

Imma Ġesù ma jieqafx hawn. Ġesù kellu ħsieb ieħor f'moħħu. Għax vera li fid-dinja dawn l-affarijiet ma jonqsux, u xi darba jew oħra, xi storja xejn sabiħa se tiġri lilna. Anzi Ġesù qed jgħidilna li se jkun hemm drabi li nsibu min itellifna għax inkunu qed nippruvaw nagħmlu dak li hu sew. Forsi tkun l-iskola u tipprova tgħin lil xi ħadd li kien bullied u l-bully jipprova jaqbad miegħek ukoll. Jew inkella jkun hemm min jibda jgħaddi l-kummenti fuqek għax jaf li tħobb tmur il-MUSEUM. Imma f'dan l-Evanġelju Ġesù qed jagħtina l-għodda biex nirbħu dawn l-affarijiet koroh – lilu nnfisu. Ġesù qed iwegħdna li fil-mumenti diffiċli meta nħossuna l-aktar waħedna hu se jkun hemm magħna biex jgħinna.

Fi ftit kliem Ġesù qed jgħidilna li m'għandnix inħallu l-biżgħa tirbħilna u naqtgħu qalbna, imma rridu nkomplu nagħmlu dak li hu tajjeb għax hu se jkun magħna jgħinna. U kif naqraw fil-Bibbja stess,"jekk Alla hu magħna, min jista' jkun kontra tagħna?" Jista' jkollna għajnuna akbar minn dik ta' Alla? Mela nagħmlu kuraġġ bħalma għamlu l-kuraġġ qabilna tant nies oħra li llum nsejħulhom qaddisin. Ejjew nieħdu eżempju minn dawn il-qaddisin u naħdmu biex dejjem nersqu qrib tas-Sinjur Alla. Ejjew naraw li ma jgħaddix jum li ma nsibux ħin għal Alla għax eqreb ma' nkunu lejh inqas jirbħuna dawn il-biżgħat.

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.
TEMPJU, IMŻEJJEN, ĠEBLA, GWERER, PAJJIŻI, SINJALI, GĦAĠEB, SINAGOGA, KLIEM, GĦERF

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| D | A | R | P | A | J | J | I | Ż | I |
| K | IE | S | GĦ | E | R | F | N | H | M |
| A | S | I | N | J | A | L | I | Ċ | Ż |
| S | I | N | A | G | O | B | A | R | E |
| I | N | B | K | W | D | A | R | T | J |
| N | A | A | L | E | B | A | W | E | J |
| J | G | O | IE | R | D | Ħ | A | M | E |
| A | O | F | M | E | A | K | IE | P | N |
| I | G | M | M | R | E | H | N | J | L |
| GĦ | A | Ġ | E | B | L | A | R | U | O |
| F | I | D | I | P | A | Ċ | I | S | L |
| I | T | A | M | A | S | A | Ħ | Ħ | A |
| K | E | M | Ħ | A | B | B | A | IE | M |

## Agħti l-kulur

Għannu lill-Mulej biċ-ċetra,
biċ-ċetra u bil-ħlewwa tal-għana,
bit-trombi u bid-daqq tat-trumbetti;
**għajtu bil-ferħ quddiem**
**il-Mulej is-sultan!**





## SAN ALBERT IL-KBIR

Fost il-qaddisin li matul is-sena niċċelebraw it-tifkira tagħhom, kultant insibu w'uħud li wara isimhom insibu t-titlu 'l-Kbir'. Fost dawn insibu lil San Albert il-Kbir, qaddis dumnikan li se niċċelebraw it-tifkira tiegħu matul din il-ġimgħa. Imma għaliex dan San Albert spiċċajna nsejħulu 'l-Kbir'? Dan il-qaddis kien wieħed mill-ikbar ħassieba ta' żmienu. Wara li spiċċa l-istudji tiegħu malajr sab ruħu jgħallem fl-akbar Universitajiet u taħsbux li kien jgħallem dejjem l-istess suġġett tafux! Barra li kien mgħallem sew fuq il-Bibbja u t-Teoloġija, kif tistenna minn reliġjuż bħalu, Albert kien wieħed minn l-ewwel u żgur l-ikbar xjentist ta' żmienu. Malajr kibret ir-reputazzjoni tiegħu bl-istudji li għamel fil-bijoloġija, fil-kimika, fil-fiżika, fil-matematika, fil-ġeografija u anke fl-astronomija. Ħajtu tista' tgħid qattagħha jfittex, jistudja, jikteb u fuq kollox jgħallem. U jekk dan mhux biżżejjed, Albertu għamel xi snin isqof ukoll. Mhux ta' b'xejn li llum insejħulu kbir!





Promozzjoni

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**





AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION